# ĦAL-LUQA LOCAL COUNCIL

# Administrative Report 2019

## 1.0 *Mayor's Letter*

Egħżież Residenti

Erġajna iltqajna hawn illum biex nagħtu rendikont tal-ħidma li saret b' paragun ma' dak li kien imwiegħed li kellu jsir matul din il-leġislatura. Kif hawn uħud minkom li kienu xhieda matul is-sena l-oħra kelli numru ta' laqgħat li l-frott tagħhom bdejna naqtgħuh dak iż-żmien qed inkomplu naqtgħuh din is-sena. Dan ir-Rapport ta' ħidma ħa jkompli jagħti aktar dettal għall dak li qed nirreferi għalih.

Madanakollu kien hemm ħafna affarijiet oħra li saru u li fosthom ressaqna l-prijoritajiet tagħkom għall ħidma. Matul din il-laqgħa tal-lum ukoll se nisimgħukom u nkomplu naħdmu fuqhom matul is-sena. Minn naħa tiegħi ta' kuljum inkun il-Kunsill biex dawk fostkom li jridu jwasluli xi diffikultajiet jien se nibqa nisma.

……………………………...

JOHN SCHEMBRI

MAYOR

MARCH 2020

## 2.0 *The Council*

| Position | Meeting Attendance |
|---|---|
| ***Mayor*** | |
| Mr. John Schembri | 100% |

***Deputy Mayor***

| | |
|---|---|
| Ms. Denise Cutajar | 100% |
| Mr. Kearon Bruno (from July onwards) | 67% |

***Councillors***

| | |
|---|---|
| Mr. V. Caruana | 92% |
| Mr. Eric Camilleri | 100% |
| Mr. Donald Cassar | 67% |
| Mrs. E Camilleri Schembri | 83% |
| Mrs. L. Massa | 83% |
| Mr. F. Aquilina | 100% |

***Executive Secretary***

Mr. Michael Portelli

***Assistant Principals***

Ms. A. Refalo
Ms. I. Borg

***General Assistants***

Mr. M. Muscat

3.0 *Council Areas of Activity*

***<u>Organisation& Responsabilites</u>***

The Organisation structure implemented during 2019 has facilitated the day-to-day business of the Council and its Administrative Offices.




Executive Secretary
Assistant Principal
Assistant Principal
General Assistant
Workers

# Rapport ta’ ħidma sena 2019

Ta’ kull sena bħala Kunsill Lokali nagħtu rendikont tal-ħidma li tkun saret fis-sena preċedenti, fil każ t’ hawnhekk is-sena 2019. Nibdew mill-ewwel billi nagħtu ħarsa lejn kull aspett li dan il-Kunsill huwa responsabbli għalih u naraw x’ sar.

## Infrastruttura

B’ koordinament m’ Insfrastructure Malta f’ waqtu f’ inqas minn sena twettqu seba’ toroq li huma Triq l-Aħwa Vassallo, Triq ir-Rixtellu, Triq Mons G Debono, Triq Dun Ġulju Muscat, Triq id-9 t’ April, Triq Valletta u Triq Wied in-Noqor f’ Ħal Farruġ.

Proġett tant mistenni fil-lokalita tagħna kien dak tal-bini ta’ sistema tal-water culverts fl-inħawi ta Wied il-Knejjes. Għall snin twal dawn l-inħawi kienu jbatu minn problemi tal-għargħar kbar u bosta residenti li joqgħodu hawn kienu jsibu ruħhom f’ sitwazzjoni li lanqas biss jistgħu joħorġu mid-dar. F’ laqgħat li kellu s-Sindku fuq dan is-suġġett m’ Infrastructure Malta, din l-entita iffinanzjat għall proġett ta’ madwar Euro 144,000 biex isiru dawn ix-xogħolijiet fejn fi tmiem is-Sajf tas-sena 2019 dawn tlestew. Dan il-proġett kien ikkordinat mill-Kunsill Lokali mill-bidu sal-aħħar. Ir-residenti tal-akkwata kellhom l-ewwel Xitwa wara egħxieren ta’ snin moħħhom mistrieħ li mhux se jgħerqu kif ġralhom fi snin preċedenti.

## Proġetti b’ fondi mill-Unjoni Ewropeja

Minbarra l-Infrastruttura fil-lokalita sar ukoll xogħol u tisbieħ fil-kampanja fiż-żoni ta’ Wied il-Knejjes, Triq il-Karmnu, Triq il-Gudja u Wied Garnaw. Permezz ta’ din il-ħidma b’ għaqal il-Kunsill Lokali ġie l-ewwel fi skema ta’ fondi Ewropej fejn kiseb madwar Euro 212,000, biex setgħu saru dawn il-proġetti ta’ bini mill-ġdid ta’ ħitan tas-sejjiegħ, wiċċ ġdid bil-konkos u servizzi oħrajn fil-passaġġi.

Din il-ħidma kompliet ittejjeb l-aċċess għall-bdiewa u s-sbuħija tal-inħawi għall dawk li jħobbu l-kampanja. Barra dawn ix-xogħolijiet qed isir ukoll proġett fi Triq id-9 t’ April. Se jsiru xogħolijiet ta’ tisbieħ b’ siġar Maltin u għamara fejn il-Kunsill irnexillu jġib madwar Euro 65,000, għall dan il-proġett.

## Kultura

Il-kultura fir-raħal tagħna ukoll qiegħda fuq l-aġenda tal-Kunsill, tant li rnexxielna ukoll nibbenefikaw minn fondi tal-Unjoni Ewropeja sabiex l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fil-qalba tar-raħal maġenb il-Knisja tiġi rrestawrata flimkien ma 3 niċeċ oħrajn dik ta’ San Ġużepp, San Mikiel u oħra tal-Qalb ta’ Ġesu fejn dawn se jsiru b’ kollaborazzjoni mar-Reġjun Nofsinhar.

## Jum Ħal Luqa

Ta' kull sena l-Kunsill jfakkar din il-Ġurnata li taħbat fil-15 ta' Mejju meta r-raħal tagħna sar Parroċċa. Din is-sena peress li kien hemm l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilli Lokali mexxejna aktar il-quddiem għax xahar ta' Novembru fejn tajna Ġieħ Ħal Luqa lil żewġ personaġġi lil Dun. Rene Camilleri u Dun. Gordon Refalo. Għall din l-okkażżjoni kellna fosta l-Kardinal Tarcisio Bertone fejn kellna ċerimonja sabiħa.

## Edukazzjoni

Fil-qasam edukattiv bqajna naħdmu mill-viċin mal-Iskola. Ta' kull sena niffinanzjaw kotba ġodda għall librerija u din is-sena anki inxtrat sistema tar-rejalta virtwali. Mall-iskola anki saru lezzjonijiet taħt il-proġett Ekoskola. Kull sena wkoll nippreżentaw kotba li jingħataw lil dawk it-tfal li jkunu ingħataw premju f' Jum il-Premjazzjoni. Din l-inizjattiva ma' ssirx biss mal-Iskola ta' Ħal Luqa imma anki ma skejjel oħra fil-viċinanzi li hemm tfal minn Ħal Luqa li jattendu.

## Anzjani

L-anzjani tagħna minn sena għall oħra kif jgħaddi l-istaġun tas-Sajf ikunu qed jistennew it-tilqima tal-influwenza li bqajna nagħtuha minn sena għall oħra u huwa l-Kunsill stess li jagħmel tajjeb għall din it-tilqima. Bħala anzjani l-Kunsill Lokali tagħna jorganizza diversi ħarġiet matul is-sena li jkunu issusidjati, fost dawn insemmi Għawdex u Sqallija li huma ferm popolari.

## Ambjent

Biex inżommu r-raħal nadif żidna ġurnata oħra għall ġbir tal-iskart riċiklabbli, nhar ta' Tlieta u Ħamis. Bħala Kunsill ġibna boroż, bins u tajna kull assistenza li kien hemm bżonn lir-residenti biex dawn jkunu jafu kif isegwu l-iskedi. Nagħtu wkoll servizz ta' skart goff. Minkejja dan kollu xorta għad fadal ftit nies irresponsabbli li għalkemm nipprovdu s-servizzi kollha biex inżommu r-raħal nadif, jiġu jaqgħu u jqumu.

## Trasport Pubbliku

Problema kbira li kellna fir-raħal tagħna kienet rigward in-numru kbir ta' traffiku li jgħaddi mir-raħal tagħna matul il-ġurnata kollha. Saru diversi laqgħat ma' Transport Malta fejn ġie deċiż li jingħalaq id-daħla tar-raħal tagħna bil-bollards biex b' hekk il-vetturi li jkunu sejrin lejn il-Belt jaqbdu toroq esterni mill-village core.

Barra minn hekk evitajna ħafna ħbiet li kien ikollna kuljum minn mar-roundabout ta' fejn id-Dinitrol. B' din l-inizjattiva naqqasna ħafna vetturi li jgħaddu miċ-Ċentru tar-raħal tagħna.

Rigward il-bus shelters il-Kunsill ilu snin twal li lesta il-permessi kollha imma minħabba li hemm kwistjoni mal-kuntrattur u mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, għalissa ma jistgħux isiru qabel tinqata il-kawża mill-Qorti.

## Amministrazzjoni

L-amministrazzjoni tal-Kunsill tikkonsisti fit-tmexxija kemm bħala day to day running li jikkonsisti fit-tmexxija tal-proġetti, ħlasijiet etc kif ukoll li inżommu kuntatt man-nies. Fil-kariga tiegħi bħala Sindku ta' kuljum nkun għad dispożizzjoni tar-residenti biex inkun nista nisma l-ilmenti tan-nies mill-viċin u nieħu azzjoni fuqhom immedjatament mill-uffiċċju tiegħi.

L-akbar ċertifikat ta' tmexxija lill-Kunsill Lokali jingħata mill-Awditur Ġenerali li għall aktar minn 10 snin konsekuttivi għalaqna s-sena b' surplus fil-Kunsill Lokali u fl-istess ħin inwettqu bosta proġetti kapitali. Dan huwa kollu riżultat ta' tmexxija għaqlija, ħidma bla waqfien, għajnejn miftuħa għall opportunitajiet ta' fondi u ħidma kollaborattiva bejnietna l-Kunsilliera.